**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fl-10 ta' Mejju 2023 – Zentrale zur Bekämpfung unlauteren Wettbewerbs eV vs dm-drogerie markt Gmbh & Co.KG**

**(Kawża C-296/23, dm-drogerie markt)**

(2023/C 304/08)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesgerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Zentrale zur Bekämpfung unlauteren Wettbewerbs eV

*Konvenut:* dm-drogerie markt Gmbh & Co.KG

**Domanda preliminari**

Il-kunċett ta' "indikazzjoni simili", fis-sens tat-tieni sentenza tal-Artikolu 72(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), ikopri biss indikazzjonijiet inklużi f'reklam li, bħat-termini elenkati b'mod espliċitu f'dan ir-regolament, jiddeskrivu l-karatteristiċi tal-prodott bijoċidali fir-rigward tar-riskji tiegħu għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambjent jew fir-rigward tal-effikaċja tiegħu b'termini ġenerali li jnaqqsu s-sinjifikat tagħhom, jew "indikazzjoni simili" tkopri l-indikazzjonijiet kollha li, fir-rigward tar-riskji tal-prodott għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambjent jew fir-rigward tal-effikaċja tiegħu, jużaw termini li jnaqqsu s-sinjifikat tagħhom b'mod komparabbli għat-termini elenkati b'mod espliċitu iżda mingħajr ma jkollhom neċessarjament kontenut daqstant ġeneralizzat bħal dawn tal-aħħar?

([1]) ĠU 2012, L 167, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2017, L 280, p. 57 u fil-ĠU 2023, L 71, p. 43.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sofiyski rayonen sad (il-Bulgarija) fit-22 ta' Mejju 2023 – Inspektorat kam Visshia sadeben savet**

**(Kawża C-313/23, Inspektorat kam Visshia sadeben savet)**

(2023/C 304/09)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Qorti tar-rinviju**

Sofiyski rayonen sad

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Inspektorat kam Visshia sadeben savet

**Domandi preliminari**

1) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) [TUE], ikkunsidrat flimkien mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-estensjoni tal-funzjonijiet ta' korp, li jista' jimponi sanzjonijiet dixxiplinari fuq il-membri tal-ġudikatura u li għandu s-setgħa jikkonstata data dwar il-patrimonju tagħhom, lil hinn mill-iskadenza tal-mandat stabbilit kostituzzjonalment ta' dan il-korp u mingħajr terminu stabbilit b'mod ċar, tistabbilixxi fiha nnifisha jew taħt ċerti kundizzjonijiet ksur tar-rekwiżit li l-Istati Membri tal-Unjoni għandhom jiggarantixxu rimedji legali effettivi għal stħarriġ ġudizzjarju indipendenti? Jekk tali estensjoni tal-mandat hija ammissibbli, taħt liema kundizzjonijiet?

2) L-Artikolu 2(2)(a) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ *data* personali u dwar il-moviment liberu ta’ tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE ([1]) għandu jiġi interpretat fis-sens li l-attività li tinvolvi t-tneħħija tas-sigriet bankarju bil-għan li jiġi vverifikat il-patrimonju tal-membri tal-ġudikatura, li sussegwentement jiġi żvelat lill-pubbliku, tikkostitwixxi attività li ma taqax fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni? Ir-risposta tkun differenti f’sitwazzjoni fejn din l-attività tinkludi wkoll l-iżvelar ta’ data dwar il-membri tal-familja tal-membri tal-ġudikatura, li ma jkollhomx il-kwalità ta’ membri tal-ġudikatura?

3) Fil-każ ta’ risposta għat-tieni domanda fis-sens li d-dritt tal-Unjoni huwa applikabbli: il-punt 7 tal-Artikolu 4 tar-Regolament 2016/679 għandu jiġi interpretat fis-sens li korp ġudizzjarju, li jagħti lil korp Statali ieħor aċċess għal data dwar l-eżistenza ta’ kontijiet bankarji ta’ membri tal-ġudikatura u ta’ membri tal-familja tagħhom, jiddetermina l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar ta’ data personali u għalhekk jikkostitwixxi “kontrollur” ta’ data personali?

4) Fil-każ ta’ risposta għat-tieni domanda fis-sens li d-dritt tal-Unjoni huwa applikabbli u fil-każ ta’ risposta negattiva għat-tielet domanda: l-Artikolu 51 tar-Regolament 2016/679 għandu jiġi interpretat fis-sens li korp ġudizzjarju, li jagħti lil korp Statali ieħor aċċess għal data dwar l-eżistenza ta’ kontijiet bankarji ta’ membri tal-ġudikatura u ta’ membri tal-familja tagħhom, huwa responsabbli sabiex jiżgura l-osservanza ta’ dan ir-regolament u għalhekk għandu l-kwalità ta’ “awtorità superviżorja” fir-rigward ta’ din id-data?

5) Fil-każ ta’ risposta għat-tieni domanda fis-sens li d-dritt tal-Unjoni huwa applikabbli u fil-każ ta’ risposta fl-affermattiv għal waħda mit-tielet jew mir-raba’ domanda: l-Artikolu 32(1)(b) tar-Regolament 2016/679 u l-Artikolu 57(1)(a) tal-istess regolament, rispettivament, għandhom jiġu interpretati fis-sens li korp ġudizzjarju, li jagħti lil korp Statali ieħor aċċess għal data dwar l-eżistenza ta’ kontijiet bankarji ta’ membri tal-ġudikatura u ta’ membri tal-familja tagħhom, huwa obbligat, meta jkollu data dwar ksur preċedenti tas-sigurtà ta’ data personali mwettaq mill-korp li lilu jkun ser jagħti aċċess, jitlob informazzjoni dwar il-miżuri meħuda għall-protezzjoni tad-data u jevalwa l-adegwatezza ta’ dawn il-miżuri huwa u jieħu deċiżjoni jekk jagħtix tali aċċess?

6) Fil-każ ta’ risposta għat-tieni domanda fis-sens li d-dritt tal-Unjoni huwa applikabbli u irrispettivament mir-risposti għat-tielet u għar-raba’ domanda: l-Artikolu 79(1) tar-Regolament 2016/679, ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, għandu jiġi interpretat fis-sens li, f’sitwazzjoni fejn id-dritt nazzjonali ta’ wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni jipprevedi li kategoriji speċifiċi ta’ data għandhom jiġu żvelati biss wara awtorizzazzjoni ġudizzjarja, il-qorti li tagħti din l-awtorizzazzjoni hija obbligata tiżgura *ex officio* l-protezzjoni tas-suġġetti tad-data li d-data tagħhom tkun ser tiġi żvelata, billi tobbliga lill-korp pubbliku li jitlob aċċess għad-data u li jkun magħruf li wettaq ksur tas-sigurtà tad-data personali jippreżenta informazzjoni dwar il-miżuri meħuda taħt l-Artikolu 33(3)(d) tar-Regolament 2016/679 u dwar l-implimentazzjoni effettiva tagħhom?

([1]) ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sofiyski rayonen sad (il-Bulgarija) fit-23 ta’ Mejju 2023 – Inspektorat kam Visshia sadeben savet**

**(Kawża C-316/23, Inspektorat kam Visshia sadeben savet)**

(2023/C 304/10)

*Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru*

**Qorti tar-rinviju**

Sofiyski rayonen sad

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Inspektorat kam Visshia sadeben savet